# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 24 t'April tas-sena 2002.**

**Numru 11**

**Avviz numru 666/00/SM**

**The Cargo Handling Company Limited.**

**vs**

**Messers John Abela Limited.**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat is-16 ta' Mejju tas-sena 2001 li permezz tieghu s-socjeta' attrici sejhet lis-socjeta' konvenuta quddiem din il-qorti sabiex tghid ghaliex m'ghandiex tkun ikkundannata:**

**1. Thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmien mija u tnax-il Lira Maltin u erba' u sittin centezmu, (LM812.64,0), rapprezentanti loading charges inkluzi l-imghax u spejjez legali u dan**

**kif jirrizulta mill-prospett anness u immarkat Dok. A;**

**2. Bl-ispejjez kontra l-konvenut li hu ngunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata d-9 ta' Frar tas-sena 2001 li permezz taghha s-socjeta' konvenuta eccepiet is-segwenti:**

**1. Illi t-talba hija ghal kollox preskritta;**

**2. Illi l-allegazzjonijiet huma nfondati kemm bhala fatt kif ukoll bhala dritt u dan jista' jigi ppruvat waqt il-kawza;**

**3. Illi ghandhom jigu kkjamati in kawza Rascala Malta Ltd u Almeko Ltd u Alpha Color Ltd peress illi l-merkanzija kienet taghhom u l-konvenut kien qieghed jagixxi ghan-nom taghhom;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti inkluzi n-noti ta' osservazzjonijiet sottomessi mill-partijiet;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet limitatament ghall-eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni sollevata mis-socjeta' konvenuta;**

**Ikkonsidrat:**

**1. Illi jirrizulta li s-socjeta' attrici ghad ghandha diversi kontijiet pendenti mas-socjeta' konvenuta;**

**2. Illi pero', ex admissis, ma jirrizultax li s-socjeta' konvenuta giet mitluba thallas dawk l-ammonti allegatament dovuti skond il-ligi;**

**Ghaldaqstant din il-qorti hi sodisfatta li s-socjeta' attrici ma sejhitx lis-socjeta' konvenuta biex thallas l-ammont minnha dovut skond l-artikoku 65 tal-Kap 352 u**

**konsegwentement tiddikjara l-azzjoni preskritta bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**